Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

Data tal-laqgħa: 11 ta' April 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt - Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 18A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Andrè Grech – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

### RESIDENTI PREŻENTI:

9 residenti kienu preżenti.

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 8.1 Introduzzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għall-aħħar laqgħa tal-lokalità tad-Disa' Leġislatura. Irringrazzja lin-nies tal-opportunità f'dawn l-aħħar ħames snin. Is-Sindku ta tagħrif ta' numru ta' proġetti li ħadem / qed jaħdem fuqhom il-Kunsill. Semma wkoll l-isfidi li għaddejjin minnha minħabba li numru ta' toroq jinsabu magħluqin minħabba xogħlijiet ta' IM u Enemalta plc.

## 8.2 Qari tal-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 7

8.2.1 Is-Sindku AM qara l-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 7 li saret fil-11 ta' Diċembru 2023.

## 8.3 Rapport Finanzjarju 2023

8.3.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2023.

## 8.4 Pjan ta' Ħidma 2024 – 2028

8.4.1 Is-Sindku ta xi tagħrif kemm fuq il-Pjan ta' Ħidma 2024 – 2028.

## 8.5 Rapport Amministrattiv 2023

8.5.1 Is-Sindku ta xi informazzjoni fuq ir-Rapport Amministrattiv 2023.

## 8.6 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

8.6.1 Is-Sindku stieden lir-residenti biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

8.6.2 Is-SE ħadet nota tal-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti fuq diversi temi, fosthom:

- Bankina dejqa fejn is-*substation* fi Triq il-Kbira;
- *U-bars* fi Triq it-Tabib J. Zammit;
- Nuqqas ta' indafa fit-toroq;
- Il-problema tal-*overspeeding* f'toroq residenzjali;
- *Traffic Management* fil-lokalità;
- Nuqqas ta' infurzar;
- Skart jinġabar il-ħin skedat; u
- Bini ta' blokok ta' appartamenti kbar f'toroq residenzjali u l-problemi li jġibu magħhom.

8.6.3 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil kull min kien preżenti, talli attendew għal din il-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.05pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 29 ta' April 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |